MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 314/2007

Kawza fil-lista: 23

**A B**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta li minn relazzjoni li hu kellu mal-konvenuta twieldet it-tarbija F fit-8 ta’ Novembru 2004, liema tarbija kienet giet rikonoxxuta minnu; huwa talab: li l-kura u kustodja tal-minuri tkun kongunta, li decizjonijiet importanti dwar l-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri, u cirkostanzi ohra relatati, ghandhom jittiehdu flimkien; li huwa jkollu access skond il-modalita’ minnu proposta fir-rikors odjern, u li t-tifla tingabar ghall-access u tigi ritornata fir-residenza tal-

konvenuta; u li, jekk il-Qorti thoss il-htiega, tinnomina social worker biex timmonitorja s-sitwazzjoni;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta qed tippretendi li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament lilha; u qed topponi ghall-hinijiet ta’ l-access kif indikati fir-rikors promotur;

Rat il-kontro talba li permezz taghha l-konvenuta rikonvenzjonanti talbet li tigi fissata retta alimentarja ghall-minuri, pagabbli lill-konvenuta, deducibbli direttament mis-salarju ta’ l-attur, u rivedibbli maz-zmien skond l-indici tal-gholi tal-hajja; kif ukoll li l-attur jikkontribwixxi ghall-ispejjez medici u edukattivi tal-minuri;

Rat il-verbal registrat mill-partijiet fl-udjenza tas-17 ta’ April 2008 [fol.70] li ghaliha kienu prezenti l-partijiet assistiti mid-difensuri taghhom, li permezz tieghu il-partijiet qabblu fuq retta alimentarja settimanali, l-ispejjez medici u edukattivi tal-minuri, il-kura u kustodja u l-modalita’ ta’ l-access tal-missier;

Rat il-verbal ulterjuri registrat fl-udjenza tas-26 ta’ Novembru 2009, prezenti l-partijiet u d-difensuri taghhom li permezz tieghu ftehmu dwar is-safar tal-minuri; [fol.77];

Rat il-verbal ulterjuri registrat fl-udjenza precitat li bih il-partijiet talbu “li tinghata sentenza f’ dan is-sens, u fit-termini ta’ dak mifthiem u registrat fl-udjenza tas-17 ta’ April 2008, u li l-kawza tithalla ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob il-kura u kustodja kongunta ta’ bint-il partijiet li twieldet fit-8 ta’ Novembru 2004, u access ghall-istess tifla bil-modalita’ fissata minn din il-Qorti.

Illi minn naha taghha l-konvenuta qed topponi li l-kura u kustodja tkun wahda kongunta, u fil-kontro talba taghha

qed titlob manteniment minghand l-attur ghal binthom minuri.

Illi l-Qorti hadet konjizzjoni ta' dak pattwit bejn il-partijiet fl-udjenzi tas-17 ta' April 2008 u tas-26 ta' Novembru 2009.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-azzjoni billi: tilqa' t-talbiet attrici, limitatament kif ser jinghad: tafda l-kura u kustodja tal-minuri F lill-konvenuta bid-dritt ta' access favur l-attur mill-Gimgha 3.00 pm sal-Hadd 3.00 pm, u li l-attur ghandu jigbor u jirritorna lill-minuri mir-residenza ta' l-istess minuri; u li decizjonijiet importanti relatati ma' l-edukazzjoni u sahha tal-minuri ghandhom jittiehdu b' konsultazzjoni maz-zewg partijiet;

Inoltre, il-partijiet jiddikjaraw li fil-prezent ir-residenza abitwali tal-minuri hija Malta, u li l-attur jkollu l-awtorizzazzjoni li jsiefer lejn l-Ingilterra bit-tifla wara li din taghlaq sitt [6] snin, bil-kondizzjonijiet soliti ta' restrizzjoni tal-passaport, u f' kaz ta' disgwid in propozitu, jista' jintalab l-intervent tal-qorti.

Tiddecidi dwar il-kontro talba, billi tilqa' l-istess limitatament kif ser jinghad: tordna li l-attur ihallas lill-konvenuta, bhala l-kontribut tieghu ghal manteniment ta' bintu, is-somma settimanali ta' sitta u erbghin ewro u disa u hamsin centezmu [€46.59], u dan mill-1 ta' Gunju 2008 il quddiem sakemm il-minuri ssir maggjorenni; inoltre, l-attur ghandu jhallas lill-konvenuta nofs l-ispejjez kollha relatati ma' l-edukazzjoni tal-minuri, u nofs l-ispejjez kollha li jkunu ta natura straordinarja relatati mas-sahha tal-minuri; u dan versu d-debiti fatturi jew ricevuti.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------